TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 174/17-F

**Joseph u Mary Scicluna**

**vs**

**Triple A – Raymond u Kurt Micallef**

Illum 29 ta' Mejju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 ta' Settembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' erba' mija u sebgħin ewro (€470), rappreżentanti prezz ta' fridge tad-ditta Beko li ma bdietx tkessaħ.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw fridge mingħand id-ditta ntimata u wara ftit żmien din il-fridge ma bdietx tkessaħ.

L-intimat issottometta illi l-fridge kienet taħdem tajjeb u fil-fatt inħatru technicians sabiex jieħdu r-readings tal-fridge, u wara li t-Tribunal ordna li jsiru dawn ir-readings, irriżulta illi l-fridge kienet qed taħdem tajjeb.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888